

Brussell, 14 ta' Mejju 2024
(OR. en)

9160/24

ECOFIN 491
SOC 316
BUDGET 31
STATIS 59

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 9159/24	
Suġġett:	L-isfidi tas-sostenibbiltà fiskali li jirriżultaw mit-tixjiħ – Konklużjonijiet tal-Kunsill (14 ta' Mejju 2024)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-isfidi tas-sostenibbiltà fiskali li jirriżultaw mit-tixjiħ, kif approvati mill-Kunsill fl-4023 laqgħa tiegħu li saret fl-14 ta' Mejju 2024.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR
L-ISFIDI TAS-SOSTENIBBILTÀ FISKALI LI JIRRIŻULTAW MIT-TIXJIĦ

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. JIRRIKONOXXI li l-popolazzjoni tal-UE hija pproġettata li tibda tonqos fis-snin li ġejjin. Is-soċjetajiet qed jixjieħu, hekk kif il-popolazzjoni fl-età tax-xogħol qed tonqos b'mod konsiderevoli filwaqt li l-ġhadd ta' persuni akbar fl-età qed jiżdied. JINNOTA żviluppi eteroġeni madwar l-Istati Membri, inkluż iż-żieda pproġettata fil-popolazzjoni f'diversi Stati Membri, għalkemm l-Istati Membri kollha huma mistennija li jixjieħu sa ċertu punt.
2. JENFASIZZA li l-popolazzjonijiet li qed jixjieħu joħolqu sfida ewlenija għas-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi, aggravati minn proporzjonijiet għoljin ta' dejn pubbliku f'diversi Stati Membri, tnaqqis fit-tkabbir potenzjali, u inċertezza globali li għandha impatt fuq il-perspettiva ekonomika. JISSOTTOLINJA li l-istrateġija tal-politika fiskali għandu jkollha l-għan li ssaħħaħ is-sostenibbiltà fiskali, tibni mill-ġdid il-buffers fiskali, twassal għal tkabbir sostenibbli ogħla u tagħti spinta lir-reżiljenza tal-UE għal sfidi futuri.
3. JAPPROVA r-Rapport dwar it-Tixjiħ 2024 u l-projezzjonijiet ekonomiċi u baġitarji għall-Istati Membri tal-UE (2022–2070) imħejjija mill-Kumitat tal-Politika Ekonomika (u l-Grupp ta' Ħidma tiegħu dwar it-Tixjiħ) u s-servizzi tal-Kummissjoni abbażi ta' metodoloġiji u suppożizzjonijiet miftiehma b'mod komuni. JINNOTA li f'konformità mal-edizzjonijiet preċedenti, il-projezzjonijiet fir-Rapport dwar it-Tixjiħ 2024 ikopru n-nefqa pubblika marbuta mal-età (il-pensjonijiet, il-kura tas-saħħa, il-kura fit-tul u l-edukazzjoni).

4. JENFASIZZA s-sejbiet ewlenin tar-Rapport dwar it-Tixji 2024:

- a) Il-proporzjon ta' dipendenza tax-xjuħija fl-UE huwa pproġettata li jiżdied drastikament fuq perjodu twil: filwaqt li bħalissa hemm tliet persuni fl-età tax-xogħol għal kull persuna li għandha aktar minn 65 sena, ser ikun hemm inqas minn tnejn sal-2070. Is-snin li ġejjin ser ikunu kkaratterizzati mill-irtirar tal-ġenerazzjoni tal-baby boomers. Barra minn hekk, żidiet kontinwi fl-istennija tal-għomor jikkontribwixxu għal sehem dejjem akbar ta' persuni rtirati, anke fid-dawl ta' differenza sostanzjali bejn l-etajiet statutorji u effettivi tal-irtirar f'ħafna Stati Membri. Ir-rati tal-fertilità għadhom ferm taħt ir-rata ta' sostituzzjoni naturali u żieda fil-parteċipazzjoni tal-forza tax-xogħol u flussi ta' migrazzjoni netti pożittivi huma pproġettati li ma jkunux biżżejjed biex jikkompensaw għat-tnaqqis ġenerali fil-popolazzjoni fl-età tax-xogħol.
- b) It-tnaqqis mistenni fil-forza tax-xogħol ifisser li fuq perjodu fit-tul iż-żidiet fil-produttività jsiru l-uniku mutur tat-tkabbir potenzjali tal-PDG. Fl-UE kollha kemm hi, ir-rata medja ta' tkabbir potenzjali tal-PDG matul il-perjodu 2022-2070 hija pproġettata li tkun ta' 1.3 %.
- c) Skont is-suppożizzjonijiet tal-linja bażi tagħha, in-nefqa pubblika totali relatata mal-età hija pproġettata li tiżdied minn 24.4 % tal-PDG fl-2022 għal 25.6 % tal-PDG sal-2070 għall-aggregat tal-UE, bil-biċċa l-kbira ta' din iż-żieda mistennija sal-2045 u mbagħad tistabbilizza ruħha b'mod ġenerali, b'mod partikolari wara l-iżvilupp demografiku sottostanti. Madankollu, dawn il-projezzjonijiet ivarjaw b'mod konsiderevoli fost l-Istati Membri, b'żieda ogħla mill-medja tal-UE pproġettata għal 17-il Stat Membru. F'dis'a Stati Membri, in-nefqa totali relatata mal-età hija pproġettata li tkun ogħla mill-medja tal-UE sal-2070. Żieda kważi universali fin-nefqa fuq il-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul tikkontribwixxi għaż-żieda pproġettata. In-nefqa fuq il-pensjonijiet hija wkoll ipproġettata li tiżdied fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. It-tnaqqis fil-proporzjonijiet tal-benefiċċji f'ħafna Stati Membri jtaffu ż-żieda ġenerali.

d) Biex jitqies il-grad konsiderevoli ta' inċertezza madwar il-perjodu twil ta' projezzjoni, ir-Rapport dwar it-Tixjiħ 2024 jinkludi diversi xenarji alternattivi. B'mod partikolari, l-istabbilizzazzjoni tal-proporzjonijiet tal-benefiċċji tpoġġi pressjoni sew li tgħolli l-infiq fuq il-pensjonijiet f'diversi Stati Membri. Barra minn hekk, rata ta' tkabbir aktar baxxa tal-produttività timplika inqas tkabbir dinamiku tal-PDG, u b'hekk jiżdied is-sehem tan-nefqa relatata mal-età meta mqabbel mal-PDG. Minbarra dan, xenarju ta' riskju għall-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul, filwaqt li jitqiesu fatturi mhux demografiċi marbuta mal-progress teknoloġiku u l-konverġenza 'l fuq fil-kostijiet u l-kopertura, jirriżulta wkoll fi pressjonijiet ta' nfiq pubbliku konsiderevolment oġhla. Għall-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, dawn ix-xenarji juru li n-nefqa pubblika relatata mat-tixjiħ tista' tkun sostanzjalment oġhla milli pproġettat taħt il-linja bażi. Min-naħa l-oħra, żviluppi ekonomiċi jew demografiċi aktar pożittivi jimplikaw piż relattiv aktar baxx għall-finanzi pubbliċi.

5. JAFFERMA MILL-ĠDID il-ħtieġa li jiġu indirizzati aktar il-konsegwenzi ekonomiċi u baġitarji tat-tixjiħ, inkluż bl-adozzjoni ta' finanzzi pubbliċi sodi, iż-żieda fil-produttività kif ukoll ir-rati ta' parteċipazzjoni u impjieg, u l-adattament tas-sistemi tal-pensjonijiet, tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul għal dawn l-isfidi. JAPPELLA lill-Istati Membri biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tas-Semestru Ewropew relatati, inkluż fil-kuntest tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.
6. JILQA' l-fatt li f'diversi pajjiżi, ir-riformi tal-pensjonijiet fl-aħħar għaxar snin ikkontribwew għat-trażżin tad-dinamika tan-nefqa pubblika, għaż-żieda fl-etajiet effettivi tal-irtirar u għat-tiħ tal-aspett tad-dħul tas-sistemi tal-pensjonijiet. JENFASIZZA l-importanza ta' perspettiva ta' politika olistika li tieħu kont kemm tas-sostenibbiltà fiskali kif ukoll tal-adekwatezza soċjali tas-sistemi tal-pensjoni. Ir-Rapport li jmiss dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet 2024 jikkomplementa r-Rapport dwar it-Tixjiħ 2024 f'dan ir-rigward. JENFASIZZA l-ħtieġa għal aktar passi fi gradi differenti mill-Istati Membri, inkluż iż-żieda fl-età effettiva tal-irtirar u t-tiħ tal-elementi ta' sostenibbiltà fis-sistema tal-pensjonijiet. JISSOTTOLINJA li r-rabta tal-età tal-irtirar mal-istennija tal-għomor ittejjeb b'mod sostanzjali s-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi fil-projezzjonijiet tar-Rapport dwar it-Tixjiħ. JISTIEDEN lill-Istati Membri jevitaw li jreġġgħu lura r-riformi diġà adottati li jsaħħu s-sostenibbiltà.

7. JILQA' l-fatt li r-riforma tal-qafas ta' governanza ekonomika, billi tiffoka fuq it-tqegħid tad-dejn pubbliku fuq perkors sostenibbli, tqis il-projezzjonijiet tal-kostijiet tat-tixjiħ fil-pjanijiet fiskali strutturali ta' terminu medju tal-Istati Membri u żżid ir-rilevanza tagħhom fis-sorveljanza fiskali. JISTIENEN lill-Kummissjoni tinkludi s-sejbiet tar-Rapport dwar it-Tixjiħ 2024 fl-oqsma rilevanti tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika u fiskali fl-UE.
8. JILQA' L-FATT li l-Eurostat ikompli jipprovdi fil-ħin il-projezzjonijiet tal-popolazzjoni u JENFASIZZA l-importanza tal-iskambji mal-istituti nazzjonali tal-istatistika f'dan ir-rigward, b'rispett sħiħ tal-indipendenza tagħhom u tal-Eurostat.
9. JISTIENEN lill-Kumitat tal-Politika Ekonomika u lill-Kummissjoni biex jaġġornaw, abbażi tal-projezzjonijiet il-ġodda tal-popolazzjoni li għandhom jiġu pprovduti mill-Eurostat sa mhux aktar tard minn Marzu 2026, l-analiżi tagħhom tal-implikazzjonijiet ekonomiċi u baġitarji tat-tixjiħ tal-popolazzjonijiet sas-sajf tal-2027.
